**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2016**

Talba Numru: 106/2016JB

Kawza Numru: 6

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

***vs***

**Daniel Borg Olivier (K.I. 175277M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-28 ta' Marzu, 2016, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf tmien mija u tlieta u disghin Euro, u tmienja u erbghin centezmu (€1,893.48). Talbet ukoll l-ispejjes inkluz dawk tal-Ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta filwaqt li t-terminu preskritt mill-Ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li fis-seduta tal-lum il-Konvenut ammetta t-talba purche' jkun hemm dilazzjoni tal-pagamenti. Bi qbil mas-Socjeta Attrici gie miftiehem dan li gej:

1. Illi sia s-sorte u sia l-ispejjes jithallsu b'pagamenti mensili fuq medda ta' tnax-il xhar bl-ewwel pagament isir fil-31 ta' Lulju, 2016;
2. Illi kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat;
3. Illi l-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta' morozita ta' almenu skadenza wahda u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

Ghalhekk, it-Tribunal se jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza a bazi tal-intendiment tal-partijiet kif verbalizzat illum stess;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,893.48 bl-imghax legali

b’effett mid-data tan-notifika tal-kawza u cjoe d-19 ta’ Mejju, 2016 b’dan (i) li sia s-sorte u sia l-ispejjes jithallsu b’pagamenti mensili fuq medda ta' tnax-il xhar bl-ewwel pagament isir fil-31 ta' Lulju, 2016; (ii) kemm-il darba l-ammont jithallas kif qed jigi miftiehem fil-paragrafu precedenti, l-ebda imghax ma jigi applikat; u (iii) li dan il-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagamenti jintilef fl-eventwalita ta’ morozita ta’ almenu skadenza wahda u jsiru dovuti anke l-imghaxijiet legali;

L-ispejjez ikunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*